MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1084/2001/1

**Avviz Numru 1084/01AJD**
**Joseph Delia**

**vs**

**Carol Bushell u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 is-socjeta' General Insurance Agency Limited giet nominata kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-assenti Carol Bushell**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Settembru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,,264.65) rapprezentanti danni li sofra l-attur meta fid-29 ta' Settembru 1999 fi Triq Targa Gap, il-Mosta il-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 497 tal-marka Ford Escort habtet fil-

vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAS 293 tal-marka Volkswagen Golf propjeta" tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-egolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Jannar 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra ir-Risposta prezentata minn General Insurance Agency Limited fejn gie ecccepit li l-konvenuta m'ghandha thallas xejn lill-attur peress li l-kollizzjoni in kwistjoni grat unikament bi htija tal-atttur.

Ra d-digriet tat-22 ta' Mejju 2003 fejn Genral Inxurance Agency Limited giet nominata bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-assenti Carol Bushell u dan wara li hija accettat il-bandu ghall-kuraturi permezz ta' nota tas-26 ta' April 2002.

Sema' x-xhieda ta' PS 667 Edgar Borg, Joseph Delia, Chris Delia u Adriano Cassar Galea, Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2003 fejn il-konvenut issolleva eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-attur m'ghandu ebda nteress guridiku li jressaq din il-kawza stante li hu kien itrasferixxa l-vettura li tifforma l-mertu ta' din il-kawza cirka sena qabel ma saret il-kawza u dan minghajr ma rriserva d-dritt li jagixxi ghal dawn l-allegati danni u ghalhekk il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-konvenuta.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuta qed teccepixxi n-nuqqas ta' nteress guridiku da parti tal-attur stante li mill-provi mressqa mill-attur stess irrizulta li l-kawza odjerna giet intavolata wara li l-attur kien diga' biegh u trasferixxa l-vettura bin-numru

tar-egistrazzjoni KAS 293 tal-marka Volkswagen Golf. Ikun ghalhekk opportun li l-ewwel tigi kkunsidrata u determinata din l-eccezzjoni.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob ir-rizarciment tad-danni allegataemtn kawzati lilu fl-incident awtomobilsitiku tad-29 ta’ Settembru 1999, liema danni kienu jikkonsistu fi hsarat kawzati fil-vettura misjuqa minnu u cioe’ dik tal-marka Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni KAS 193. Mal-Avviz tat-Talba huwa esebixxa l-ircevuuti rigwardanti r-riparazzjonijiet u l-prezz tal-parts (a fol. 2 sa 5) . Dawn l-ircevuti huma datati Mejju u Ottubru 2000. Mix-xhieda tal-attur moghtija fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2003 u mid-dokumenti esebiti a fol. 103 u 104 tal-process irrizulta li l-attur itrasferixxa permezz ta’ permuta il-vettura nvoluta fl-incident fis-16 ta’ Frar 2000. Huwa xehed ukoll li ghal finijiet tal-permuta l-vettura giet stmata fl-ammont ta’ Lm2000.00. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-28 ta’ Settembru 2001. Minn dan kollu jirrizulta mighajr ombra ta’’ dubju li fil-mument li l-attur intavola din il-kawza huwa kien trasferixxa l-vettura involuta fl-incident lil terzi. Inoltre l-iircwvuti minnu esebiti, olttre l-fatt li huma datati wara d-data tal-imsemmi trasferiment, huma wkoll mahrugin f’isem terzi persuni. L-attur ma gab ebda prova li kien hemm xi tnaqqis fil-prezz li huwa inghata lil-vettura minhabba r-riparazzjonijiet li kellhom isiulha. Huwa ghalhekk ma gab ebda prova li sofra xi danni bhala konsegwenza tal-incident stradali mertu tal-kawza. Isegwi li fil-mument li huwa ntavola l-kawza odjerna huwa ma kellu ebda nteresss guridiku fis-sens li huwa ma kienx il-propjetarju tal-vettura daneggjata fil-mument li giet prezentata l-kawza u ma pruvax li sofra xi danni bhala konsegtwenza tal-incident stradali tad-29 ta’ Settembru 1999.

In vista tal-premess l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta tisthoqq li tigi milqugha. Ikun ghalhekk inutili li t-Tribunall jitratta jew jikkunsidra ulterjorment t-talbiet attrici fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta u konsegwentement jichad it-talbiet attrici.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------